# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 228/2001 GCD**

**Johann Schembri**

**Vs**

**Patrick Sammut**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000), rapprezentanti bilanc dovut mill-istess konvenut fuq it-trasferiment ta' negozju ta' gestjoni ta' amusement machines, u dan kif jirrizulta ahjar mill-iskrittura annessa mac-citazzjoni datata 11 ta' Marzu 2000 u mmarkata bhala Dok. JS1;

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas id-debitu tieghu izda baqa' inadempjenti;

Illi l-imsemmi kreditu ta' l-attur huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m'ghandu ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' din is-somma kif jidher mill-affidavit anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. JS2;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi din il-Qorti:

1. taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000) fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Marzu 2000 kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur Johann Schembri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm